*- danni kkawżati minn ġlieda*

*-likwidazzjoni ta' danni għal debilita` fiżika*

*-industrial injury*

*-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili*

*-riferenza għal proceduri kriminali u sentenzi penali fuq l-istess fatti*

*-permessibbli meta x-xhieda jiddeponu ex novo*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 13 TA' ĠUNJU 2019

## Rikors Nru. 986/2013GM

## NADINE GALDES

**vs**

## DOREEN GALDES

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti:

(a) ssib lill-konvenuta unikament responsabbli għad-danni kollha li ġarrbet fuq il-persuna tagħha konsegwenza ta' aggressjoni li saret mill-istess konvenuta fis-6 ta' April 2010, fi Triq ir-Repubblika, Valletta għall-ħabta tal-11.30am;

(b) tillikwida d-danni sofferti kawża tal-aġir tal-istess konvenuta; u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati.

Talbet ukoll l-ispejjeż bl-imgħax inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali (3001/2011) datata 5 ta' Settembru 2011;

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-konvenuta li permezz tagħha ċaħdet li ħebbet għall-attriċi; anzi sostniet li kienet l-attriċi li ħebbet għall-konvenuta li spiċċat vittma tal-aġir insensat tagħha u li kwalsiasi danni li ssubixxiet l-attriċi huma frott tal-aġir abbuiv u illegali tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tal-11 ta' Frar 2014 li permezz tiegħu ħatret bħala espert mediku lill-kirurgu ortopediku Mr Massimo Abela biex jeżamina lill-attriċi;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku Mr Massimo Abela fl-20 ta' Ġunju, 2014;

Rat il-kopja tal-proċess penali fl-ismijiet Pulizija v Doreen Galdes (Kumpilazzjoni numru 999/2010) esibita fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2015 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju 2012, esibita in atti, li sabet lill-konvenuta ħatja li kkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attriċi[1] liema sentenza ma ġietx appellata. Dik il-Qorti fis-sentenza tagħha tagħti riassunt tal-fattispeċi ta' dan il-każ wara li semgħet diversi xhieda okulari;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**(1) il-fatt dannuż**

Illi jirriżulta illi:

1.1 L-inċident in kwistjoni nqala' minħabba diżgwid familjari bejn l-attriċi u l-konvenuta illi huma miżżewġin lill-aħwa Galdes.

1.2 Mary Gatt hija s-sieħba ta' missier l-irġiel tal-kontendenti. Jum qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni, ir-raġel tal-konvenuta u ċjoe` Edward Galdes bagħat SMS lil Mary Gatt u talabha twissi lill-attriċi sabiex tieqaf ixxewwex u taqla' l-inkwiet.

[1] Fol 13 u reġgħet ġiet esibita a fol 64

Jidher illi Mary Gatt ħassitha inġurjata u l-għada marret flimkien mal-attriċi sabiex tagħmel rapport ġewwa l-għassa tal-Belt. Wara, komplew sejrin jagħmlu xi qadjiet oħra;

1.3 Dakinhar tal-aggressjoni u ċjoe` fis-6 ta' April 2010, il-konvenuta ukoll kienet il-Belt flimkien m'ommha Irene Attard u waqt li kienu qegħdin bilqegħda fi stabbiliment tal-ikel ġewwa Strada Repubblika, semgħu lil attriċi u lil Mary Gatt jitkellmu dwar ir-rapport mal-Pulizija iżda dawn tal-aħħar ma kienux raw jew indunaw bihom u baqgħew għaddejjin għal triqithom. Filfatt l-attriċi daħlet fi spiżerija waqt li Mary Gatt baqgħet barra tieħu ħsieb it-tarbija tal-attriċi ġo *pushchair.* Sussegwentament il-konvenuta u ommha avvicinaw lil Mary Gatt sabiex jieħdu sodisfazzjon u jindagaw għaliex kienu qed isemmu rapport lil-Pulizija fil-konfront tagħhom. L-attriċi semgħet il-kommossjoni barra. Speċifikament semgħet daqqa mal-ħġieġa tal-ispiżerija wara li Mary Gatt ġiet imbuttata u lil bintha tibki. Ħarġet tara x'ġara u rat lill-konvenuta u ommha jsawwtu lil Mary Gatt. Fil-pront bdiet tgħidilhom sabiex iħallu lit-tarbija tagħha għaliex beżgħet li setgħu iweġġgħuha;

1.4 Waqt il-ġbir tal-provi fil-proċeduri kriminali, illi ġew esebiti in atti u li nġabru anqas minn sena wara l-akkadut, l-attriċi xehdet li ħarġet mill-ispiżerija u kif kienet għadha fuq l-għatba tal-ispiżerija illi hija kemxejn għolja, il-konvenuta marret għaliha, ġebbditilha xagħarha, waqqgħetha minn fuq l-għatba u hi u taqa', tatha daqqa fuq wara ta' irkoppitha, issabtet mal-art u baqgħet tkaxkarrha minn xagħarha. L-attriċi ma setgħetx tqum minn mal-art u l-konvenuta baqgħet ittiha. Mary Gatt xehdet illi ma ratx kif qalgħet id-daqqa l-attriċi pero` semgħetha tgħid 'kissritli saqajja';

1.5 Il-verżjoni tal-konvenuta kienet illi Nadine Galdes (l-attriċi) avanzat lejha bil-ġirja, ħebbet għaliha u ggranfatilha għajnejha u għalhekk hija kellha tirritlaja. Pero` tgħid illi ma mbuttathiex u lanqas ratha taqa' mal-art. Omm il-konvenuta, meta mistoqsija min beda l-inċident, tgħid li l-attriċi bdietu għax "bdiet twerżaq għalxejn, ħadd m'għamlilha xejn... imbagħad Doreen irreaġixxiet u spiċċaw it-tnejn mal-art"[2];

1.6 Ftit tal-ħin wara waslu xi Pulizija li kienu fil-Bank faċċata tal-ispiżerija u rnexxilhom jikkontrollaw l-ġlieda. L-attriċi eventwalment ittieħdet l-isptar bl-ambulanza għax ma setgħetx iċċaqlaq sieqha. Damet tlett ijiem l-isptar u sitt xhur b'saqajha fil-ġibs u wara kellha tagħmel it-terapija;

1.7 Fil-proċeduri kriminali il-konvenuta ġiet misjuba ħatja u din is-sentenza ma ġietx appellata;

**provi fil-proċeduri penali**

Illi f'din il-kawża ġiet esibita kopja tal-proċess kriminali fuq imsemmi u s-sentenza relattiva. Kif qal il-perillustrissimu mħallef Philip Sciberras sedenti f'din il-Qorti in re: **Anthony Briffa v Vincent Oliver Abela** (28.03.2003):

"Jingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Paolo Abela -vs- Antonio Bonnici et noe**, Prim' Awla, 23 ta' Jannar 1958 illi 'ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju għall-

[2] Fol 347.

esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti';

"Dan l-insenjament jagħmel rikjam għal dak traċċjat fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar**, 1 ta' Diċembru 1955 fejn jingħad a propożitu dan:-

'Mill-prinċipju sanċit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jiġifieri ta' l-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi ta' l-azzjoni simili għandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk ta' l-azzjoni kriminali, anke *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, għall-fini ta' attendibilita` tagħhom u ta' l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament għar-regola relattiva għall-provi, tista' tiġi prodotta f'kawża ċivili, li tkun għadha pendenti, kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza ta' l-Artikolu 627(e) tal-Kap 12.' F'dan is-sens hi l-ġurisprudenza tagħna (**Vol. VI.i.143** u **Vol. XXVII.i.617**);

"Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss waħda mill-provi pero` hi prova importanti anke għaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet (**Artikolu 558 tal-Kapitolu 12**);

"Difatti bħala proposizzjoni dottrinali rakkolta mil-**Laurent**, '*si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione*

*alle prove raccolte in procedimento penale*' (**Carmelo Xuereb et -vs- Giovanni Micallef et**, Appell Ċivili, 26 ta' Novembru 1923";

Illi f'sentenza oħra, **Carbonara Jane v Ryan Mark Julian** (28.01.2004) l-istess imħallef Philip Sciberras, ukoll sedenti f'din il-Qorti, jerġa' jitratta din it-tema:

"Issa hu minnu illi l-konvenut b'verbal ta' l-4 ta' Gunju 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju (fol. 122) kien oppona għall-esebizzjoni tal-preċitata sentenza, imma, kif drabi oħra ritenut, din l-opposizzjoni '*non era fondata in diritto posto che in dottrina seguita, al dire del Laurent, dalla giurisprudenza si ritiene che il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penale*' (**Vol. XXV.i.689**);

"Issokta jigi rilevat mill-għaref Imħallef Dr. Alberto Magri f'żewġ sentenzi tiegħu fuq dan l-istess punt illi "ma jidherx fil-liġi li hemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; jekk imbagħad id-dokument esebit, minħabba l-indipendenza ta' l-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, jistgħax jagħmel prova jew le, din hi kwestjoni oħra." (**Vol. XLII.ii.868; Vol. XXXIX.ii.768**);

"Mhux il-kaz li tiġi nvestita ulterjorment din il-kwestjoni ġjaladarba f'dan il-ġudizzju l-provi dwar l-allegat delitt saru *ex novo*";

**(2) evaluwazzjoni tal-provi**

Illi m'hemmx dubbju li l-verżjoni tal-fatti mressqa mill-attriċi hija iktar verosimili u kredibbli minn dik imressqa mill-konvenuta, anke meqjus konfront bejn id-depożizzjonijiet tagħhom f'din il-kawża u dawk fil-proċeduri penali. Jirriżulta għalhekk li l-konvenuta ħebbet u weġġgħet lill-attriċi waqt l-inċident in kwistjoni. M'hemmx għalfejn jiġi mtenni li min jagħmel ħsara volontarja lil ħaddieħor, irid iħallas għaliha;

Illi s-sentenza suċċitata mogħtija kontra l-konvenuta in sede kriminali kienet tirrigwarda l-istess fatti bħal dawk tallum. Ix-xhieda f'dik il-kawża reġgħu xehdu f'din il-kawża. Illi għalhekk ma hemm xejn x'iżomm l-ammissibilita` tax-xhieda fil-proċeduri kriminali għall-fini ta' konfront tal-istess xhieda mogħtija f'din il-proċedura ċivili. Iktar u iktar meta ma saret l-ebda oġġezzjoni għalihom mill-konvenuta[3];

Illi waqt il-proċeduri kriminali, il-konvenuta tixhed illi Nadine ħarġet tiġri minn ġewwa l-ispiżerija, hekk ħabta u sabta, bdiet tgħajjat biex ma jmissulhiex lit-tifla u ħebbet għaliha. Il-Qorti tħossha diffiċli temmen illi l-attriċi ħarġet minn ġewwa l-ispizerija mingħajr ma semgħet l-ebda għajjat jew kommossjoni;

Illi l-attriċi u Mary Gatt żammew l-istess verżjoni kemm waqt il-proċeduri kriminali u kemm dawk odjerni. Mhux hekk iżda l-konvenuta, għaliex waqt il-proċeduri kriminali, tixhed illi la hi u lanqas l-attriċi ma waqgħu mal-art.[4] Terġa' tikkonferma dan waqt l-affidavit tagħha f'dawn il-proċeduri, mentri mbgħad tibdel

[3] Ara fol 96

[4] Fol 139-140.

il-verżjoni u tgħid li l-attriċi waqgħet waħedha hi u ħierġa mill-ispiżerija u kien għalhekk li din kisret sieqha. Dan ġie kontradett primarjament minn ommha stess għaliex fuq domanda tal-avukat tagħha jekk hi u ħierġa mill-ispiżerija Nadine ġralhiex xi ħaġa, Irene Attard irrispondiet '*xejn ma ġralha, bdiet tgħajjat kemm tiflaħ.*' Apparti minn hekk, omm il-konvenuta terġa' tikkontradixixha meta tgħid illi '*spiċċaw it-tnejn mal-art'*[5];

"Fil-każijiet ta' ġlied bejn membri diversi ta' familji, li fihom ġeneralment ix-xhieda prinċipali huma sospetti minħabba parzjalita`, stante l-*esprit de famille* u li fihom il-kollutazzjoni ma tkunx limitata għal tnejn; imma tkun ġeneralment għal membri diversi tal-familja, ostili għal xulxin, għandha tkun riċerkata fil-valutazzjoni tal-isfond kollu taċ-ċirkostanzi anteċedenti u konkomitanti, li mbagħad iservu għall-apprezzament ġust tax-xhiediet singoli. Fir-rankuri preċedenti li mbgħad jiskuppjaw fi ġlied, kull familja tħoss li għandha raġun hi, u fil-ġlieda tad-diversi membri kull wieħed jara ruħu, *bene o male*, bħala reaġenti għall-inġustizzja u bħala aggredit... fiċ-ċirkustanzi tal-każ id-diskrezzjoni tal-Qorti fl-apprezzament tad-danni ma tistax tiġi eżerċitata ħlief b'mod approssimattiv, u mhux bil-bilanċa awrea tal-alkemist"[6];

Illi meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, waslet għal-fehma illi l-verżjoni tal-attriċi hija aktar verosimili għal dak li ġara minn dik illi ingħatat mill-konventa speċjalment in vista tal-kontradizzjonijiet li ħarġu min-naħa tal-konvenuta u għalhekk issib lill-konvenuta responsabbli għall-aċċident mertu ta' din il-kawża;

**(3) Imputabilita` tal-fatt dannuż**

[5] Fol 348.
[6] Ferdinand Sant v Giovanni Buttiġieg et – Appell Inferjuri – 30.06.1961.

Illi l-provi akkwiżiti inkluzi l-file mediku[7] tal-attriċi jneħħu kull dubbju illi l-ħsara fis-sieq ix-xellugija tal-attriċi ġiet ikkawżata mid-daqqa illi laqqtet mingħand l-konvenuta u għalhekk ġie stabbilit in-ness ta` kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż;

Illi l-kawża in kwistjoni hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il-liġi[8] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta` tal-egħmil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' egħmil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[9]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[10]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż[11];

**(4) danni**

**(4.1) skop tat-talba għad-danni**

Illi kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawża **Borg *pro et noe* vs Muscat**: "l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa' tpoġġi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma ġralu xejn" U għalhekk il-prinċipju applikabbli huwa *restitutio in integrum*;

[7] Dok MB a fol 165.
[8] Art. 1031 tal-Kap 16.
[9] Art. 1032(1) tal-Kap 16.
[10] Art. 1033 tal-Kap 16.
[11] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et.

Illi l-attriċi ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi wara li ġiet aggredita mill-konvenuta. Kellha ksur tal-għadma tal-qasba tas-sieq tax-xellug, liema ksur kien jestendi sal-irkoppa. Il-ksur fieq wara perjodu ta' immobilita` fil-ġibs. L-attriċi għadha tilmenta minn uġiegħ intermittenti fl-irkoppa tax-xellug. L-uġiegħ tħossu l-iktar filgħodu meta toħroġ mis-sodda, jekk timxi għal aktar minn tlett minuti u mat-taraġ. Wara li timxi seba' minuti tant tkun muġugħha li tibda zzappap u jkollha tieqaf tistrieħ. L-irkoppa tintefaħ minn żmien għal żmien. L-attriċi tkompli tispjega illi peress illi sieqha qsaret aktar mill-oħra jkollha tilbes suletti apposta fiż-żarbun. Tgħid li bdiet tbagħti minn *artrite* fl-għadam ta' saqajha;

**(4.2) *Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens* l-attriċi ma ġabet l-ebda prova jew irċevuti sabiex il-Qorti tkun tista' tikkalkula tali spejjeż. Għalkemm argumentat illi ma setgħetx tibda l-impjieg il-ġdid tagħha minħabba l-inċident, naqset li ġġib il-kwantum ta' danni li ġarrbet sforz tal-inċident. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tillikwida danni taħt dan il-kap;

**(4.3) *Lucrum Cessans***

Illi l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha targumenta illi peress li l-grad ta' diżabilita` għandu bħala prinċipju ġenerali jirrispekkja l-hekk imsejjaħ *industrial efficiency* tal-attriċi, u billi ma nġabitx prova li d-debilita` tagħha b'xi mod naqset l-*industrial efficiency* tagħha, ma hemmx lok għal *lucrum cessans*. Illi filfatt apparti telf ieħor, l-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili [Kap 16 tal-Liġijiet ta'

Malta] jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni minħabba telf ta' qliegħ futur: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija… t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib";

Illi jindirizza l-kweżit tal-konvenuta dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell: 'Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita` għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha"[12];

## (4.4) ***Multiplier***

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[13], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[14], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[15], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha 30 sena. Tenut kont taċ-

---

[12] App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet *Gatt vs Carbone noe* (Kollez. Vol: LXXXII.ii.242).
[13] App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe.
[14] Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe.
[15] App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.

*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 25 sena[16];

Illi normalment meta l-Qorti tiġi rinfaċċata b'ċirkostanzi simili, taddotta l-paga minima. Illi l-paga minima fl-elfejn u għaxra kienet ta' €152.29 fil-ġimgħa[17] li jiġu sebat elef u disa' mija u dsatax-il Ewro u tmien ċenteżmi €7,919.08 fis-sena. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni żieda meqjus li hu mistenni li dan l-ammont jiżdied matul is-snin. Normalment il-paga nazzjonali titla' b'€135.41 kull sena.[18] Dan ifisser li fuq medda ta' 25 sena, il-paga tal-attriċi kienet ser tiżdied bi €3,385.25 għal €11,304.33. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €7,919.08 + €11,304.33 / 2, is-salarju medju tal-attriċi jkun mistenni li jammonta għal €9,611.71;

**(4.5) Rata ta' diżabilita`:**

Illi l-espert mediku ikkonstata illi is-sieq tax-xellug hija iqsar bejn 5-10mm minn dik tal-lemin. Għalkemm il-ksur fieq hemm possibilita' li fil-futur minħabba l-fatt li l-ksur kien jinvolvi l-ġog tal-irkoppa, titrabba l-artrite (*post-traumatic osteoarthritis*). Għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita' ta' 4%[19] ;

**(4.6) *Lump Sum Payment*:**

---

[16] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

[17] S.L 452.71 - *National Minimum Wage National Standard Order*.

[18] Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.71. F'dawn l-aħħar 10 snin il-paga minima nazzjonali żdiedet b'€26.04 fil-ġimgħa minn €146.47 (2009) għal €172.51 (2018).

[19] Fol 45.

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra: "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[20]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ disa' snin ilu;

**(4.7) Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' *lucrum cessans*:**

Illi a bazi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

Paga minima nazzjonali annwali ta' €9,611.71;
*Multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) sena;

Grad ta' diżabilita` permanenti ta' 4%;

Illi in vista tal-elenku indikat fil-paragrafu preċedenti, l-ammont ta' danni relattiv għall-*lucrum cessans* hu hekk stabbilit fl-ammont ta' €9,611.71;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-kawża billi, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi billi:

[20] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 t'Ottubru 2018.

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għall-inċident tas-6 ta' April 2010;

2. tillikwida d-danni minnha hekk ikkawżati fis-somma ta' €9,611.71;

3. tikkundannaha tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' €9,611.71 bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali (3001/2011) tal-5 ta' Settembru 2011 jitħallsu kollha mill-konvenuta.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA